FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR IT-30 T'APRIL 2002

PULIZIJA
SPETTUR MARIO TONNA
VS
MARUAN EL KURBO

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Maruan El Kurbo imwieled il-Libja nhar it-18 t'Ottubru 1977 bin Abdullah u Karima Tessie nee Pace residenti gewwa 49 Triq Santu Wistin, Tarxien u detentur ta' karta ta' l-identita nru 14545A talli f'dawn il-gzejjer fil-21 ta' Lulju 2001, u fl-ahhar xhur ta' qabel din id-data, fil-Hamrun, u bnadi ohra f'Malta u f'hinijiet differenti kellu fil-pussess tieghu id-droga eroina, specifikata fl-ewwel lskeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienc bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li jforni d-droga imsemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga imsemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li kienet ghall-uzu esklussiv tieghu.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tat-23 t'Awissu 2002 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Taqsima 4 u 6 tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi kap 101, Reg 8 tal-Avviz Legali 292/1939 kif emendat mill-kap 101, u Art 28a tal-kap 9 u tikkundannah ghal 7 xhur prigunerija sospizi ghal sentejn u inoltre ai termini tal-Artikolu 28G tal-kap 9 tqieghed lill-imputat taht suspended supervision order ghal tali perjodu ta' sentejn taht is-supervizzjoni tal-probation officer Marietta Lanzon u tesigi illi fost l-istruzzjonijiet moghtija mill-istess probation officer that Art 28(g)(3) jkun hemm l-istruzzjoni li l-imputat jkompli sal-finalita' tieghu il-programm ta' riabilitzzjoni kontra d-droga li qieghed jaghmel mas-Sedqa.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.